MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2013

Numru. 65/2013

**Il-Pulizija**
**[Spettur James Grech]**

**vs**

**Freddie Alfred Zahra**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Freddie Alfred Zahra detentur tal-karta tal-identita` numru 60988(M).

Akkuzata talli:
Nhar it-18 ta' Jannar, 2013 ghal habta tal-22:30hrs gewwa l-Qawra, San Pawl il-Bahar u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer,

1. ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna u/jew persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li ghamlu dan is-

servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

2. kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta` provizorja imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. A. G. Vella LL.D fil-15 ta’ Novembru, 2012, f’dan li jirtira gewwa d-dar fejn joqghod mhux izjed tard mid-21:00hrs u ma johrogx minn hemm qabel is-7:00hrs u kif ukoll li ma jikkommettix delitt iehor ta’ natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest u dan taht depozitu ta’ €1,000 u garanzija personali ta’ €5,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti;

3. kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta` provizorja imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. A. G. Vella LL.D fis-27 ta’ Novembru, 2012, f’dan li jirtira gewwa d-dar fejn joqghod mhux izjed tard mid-21:00hrs u ma johrogx minn hemm qabel is-7:00hrs u kif ukoll li ma jikkommettix delitt iehor ta’ natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti;

4. kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta` provizorja imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat C. Stafrace Zammit LL.D fis-17 ta’ Settembru, 2012, f’dan li ma jikkommettix delitt iehor ta’ natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest u dan taht depozitu ta’ €300 u garanzija personali ta’ € 5,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex titratta mal-imputat Freddie Alfred Zahra bhala recidiv ta’ diversi sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan ai termini ta’ Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni li f’kaz ta’ sejbien ta’ htija tirrevoka l-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma komplessiva ta’ € 11,300 (€1,300 bhala depozitu ta’ €10,000 bhala garanzija personali fil-kaz ta’ zewg bails) tghaddi favur il-

Gvern ta’ Malta kif stipulat fl-artikolu 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat ammetta l-akkuzi dedotti kontrih u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu;

Rat id-dokumenti pprezentati mill-prosekuzzjoni;

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 17 (1), 49 u 50 u 579 (2) tal-Kap 9 qed issib lill-imputat Freddie Alfred Zahra hati tal-akkuzi kollha u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija.

Il-Qorti wkoll qed tordna r-revoka tad-digrieti tal-helsien mill-arrest msemmija fl-akkuzi filwaqt li mhix ser taghti sanzjonijiet a rigward il-konfiska tal-garanzija u depozitu personali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------